Qorti tal-Appell

(Kompetenza Inferjuri)

Imhallef Anthony Ellul

Appell numru: 184/2012/1 AE

**Sylvana Debono**

**Vs**

**Alexander Farrugia**

L-Erbgha 27 ta' Jannar, 2016.

Permezz ta' avviz prezentat quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta), l-attrici ppremettiet li fl-artiklu intitolat *"Il-protezzjoni tal-ambjent u r-riforma tal-MEPA"*, miktub minn Mark Camilleri pubblikat fil-gazzetta 'It-Torca' tad-29 ta' April 2012, giet allegat li qeghda tahdem mal-Partit Nazzjonalista sabiex jinghataw pjaciri li jikkonsistu fi hrug ta' permessi ta' zvilupp, liema allegazzjonijiet huma libelluzi u malafamanti fil-konfront taghha stante illi kienu intizi sabiex itellfu jew inaqqsu r-reputazzjoni taghha u illi l-attrici kienet talbet li l-intimat jigi kkundannat ihallas lir-rikorrenti dik is-somma li tistabbilixxi l-Qorti bhala Danni Morali a tenur ta' Art. 28 tal-Kap. 248.

Il-konvenut wiegeb li l-kitba kienet ta' interess pubbliku u osservazzjonijiet u kummenti fuq fatti. Id-dmir tal-editur huwa li jgharraf lill-qarrej filwaqt illi d-dritt tal-qarrej huwa li jkun mgharraf, liema principji kienu l-bazi tad-dritt ta' espressjoni hielsa.

Permezz ta' sentenza tal-20 ta' Novembru 2014, l-ewwel qorti kkonkludiet li l-kliem li nghad ma kienx intiz li jtellef ir-reputazzjoni tar-rikorrenti u ghalhekk ma kienux libelluzi. L-ewwel qorti qalet: *"Huwa car illi l-artikolist, meta ghamel il-kummenti illi dwarhom hassitha aggravata ir-rikorrenti, kellu fi hsiebu illi jikkummenta dwar is-sitwazzjoni negattiva ezistenti fl-infurzar u protezzjoni tal-ambjent da parte tal-MEPA u ma hemm ebda dubju li l-kumment tieghu kien intiza unikament ghal hekk u mhux biex jaghmel hsara lir-rikorrenti, kif hija tikkontendi"*.

Dan hu appell li l-attrici Debono pproponiet minn decizjoni tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) tal-20 ta' Novembru, 2014, fejn kienet, filwaqt li laqghet l-eccezzjonijiet kollha ta' l-intimati, cahdet it-talba attrici u tiddikjara illi l-kliem li ntqalu fil-konfront tar-rikorrenti fl-artikolu intitolat *"Il-protezzjoni tal-ambjent u r-riforma tal-MEPA"* li deher fil-harga tal-gazzetta *'It-Torca'* tad-29 ta' April 2012, li tieghu l-intimat kien l-editur u miktub minn Mark Camilleri, ma kienux libelluzi u malafamanti fil-kofront ta' l-istess rikorrent u l-ispejjez tal-proceduri marru a karigu ta' l-istess rikorrenti Sylvana Debono.

L-aggravji tal-appellanti huma:-

i. Illi l-artiklu jallega <u>fatti</u> fil-konfront tar-rikorrenti illi bhala mpjegata mal-MEPA qed tahdem mal-Partit Nazzjonalista sabiex taghmel <u>il-pjaciri</u> biex. Dawn huma allegazzjonijiet ta' fatt (mhux opinjonijiet).

ii. Illi l-Ewwel Qorti tat piz lill-fatt illi allegazzjonijiet simili kienu gew ippubblikati fis-sit elettroniku *'maltastar.com'* ftit granet qabel, ma kienux gew *"michuda pubblikament"* mir-rikorrenti. L-Art. 24 tal-Kap. 248 jiddisponi b'mod car u univoku illi *"Ebda wahda mill-persuna msemmija fl-ahhar paragrafu qabel dan ma tista' tipprova, b'difiza taghha, li l-kitba hija kopja, jew estratt, jew sommarju, jew traduzzjoni ta' kitba ohra li diga giet stampata jew pubblikata xort'ohra"* . Dak li qalet il-Qorti hu diametrikament kontra dak li tistipula l-Ligi.

iii. Il-konvenut ma pprovax iressaq prova biex jissostanzja l-allegazzjonijiet ta' fatt kontenuti fl-artiklu. L-unici provi li kellha quddiemha l-Ewwel Qorti hija c-cahda ta' dawn il-fatti mill-appellanti u l-korroborazzjoni ta' din ic-cahda mic-*Chairman* tal-MEPA; min-naha taghhom il-konvenut u l-artikolist Camilleri xehedu u ammettew li *"jiena ma ghamilt ebda ricerka"* qabel ma ppubblika dak li ppubblika u zied li kien biss ra allegazzjonijiet simili fil-*'maltastar.com'.*

iv. L-Ewwel Qorti ma kinitx korretta meta skartat provvediment tal-ligi li ma jenhtieg ebda interpretazzjoni (cioe' l-Art. 24 tal-Kap. 248), meta kkonkludiet li l-konvenut kien intitolat li jirriproduci l-allegazzjonijiet malafamanti dwar ir-rikorrenti appellanti ghax ma cahditx tali inveritajiet pubblikament.

L-appellat Farrugia pprezenta twegiba (4 ta' Frar 2015) fejn qal li s-sentenza timmerita konferma. Zied li wiehed kellu jhares lejn il-kitba quid unum, lejn is-sustanza, u l-messagg li l-kitba riedet twassal. Wiehed ma jistax jaqbad u jwarrab u jarmi percezzjonijiet li jkunu mifruxa mhux hazin, ghax dawn joholqu sitwazzjoni fil-pajjiz fejn ikun hemm dritt li wiehed jikkummenta dwarhom u dmir da parti ta' min ghandu jwiegeb u jispjega li jaghmel dan.

Il-qorti semghet it-trattazzjoni u rat l-atti.

**<u>Konsiderazzjonijiet</u>**.

1. L-attrici harrket lill-konvenut bhala Editur tal-gazzetta it-Torca. Fid-29 ta' April 2012 kien gie ppubblikat artiklu *"Il-protezzjoni tal-ambjent"*, li l-awtur tieghu kien Mark Camilleri. Fih issemmiet l-attrici, li tilmenta dwar il-paragrafu:

*"Ghad hawn percezzjoni li l-MEPA xxaqleb aktar lejn l-interessi tal-izviluppatur milli lejn il-protezzjoni tal-ambjnet. Sa llum ghadha ssir l-akkuza li l-MEPA tintuza mill-Gvern biex isiru l-pjaciri u* ***ftit ilu s-sit***

***maltastar.com allega li impjegata tal-MEPA, Sylvana Debono, qed tahdem mal-Partit Nazzjonalista biex jinghataw dawn il-pjaciri***".

Il-konvenut wiegeb li t-taghrif hu ta' interess pubbliku u kummenti fuq fatti. Skond hu, bhala editur ghandu dmir li jgharraf lill-pubbliku u hemm ukoll id-dritt tal-espressjoni hielsa.

L-ewwel qorti kkonkludiet li l-bran in kwistjoni kien *fair comment*, wara li osservat:

*"…. jidher li d-difiza principali tieghu, kif korrettement irrileva l-abbli difensur tar-rikorrenti, kienet dik tal-fair comment"*.

2. Ghal din il-qorti m'ghandux ikun hemm dubju li dan il-kaz m'ghandu x'jaqsam xejn mal-kuncett ta' *fair comment*. L-artiklu jindirizza l-qasam tal-ambjent u riforma fil-MEPA. Suggett ta' interess pubbliku. Fl-artiklu ssemma li kien gie allegat li Sylvana Debono, segretarja tal-Bord tal-MEPA, qeghda tahdem mal-Partit Nazzjonalista ***"biex jinghataw dawn il-pjaciri"***. Fatt li **qatt** ma gie ppruvat. L-ewwel qorti osservat:-

*"Il-Qorti ma ghandha ebda dubju, wara illi qrat l-kontenut ta' l-artikolu kollu, li l-kliem li ntuzaw mill-artikolista Camilleri kienu kummenti tieghu dwar il-percezzjonijiet u realtajiet li kien hemm, u ghad hemm, fuq il-MEPA u t-tmexxija taghhom"*.

Irrispettivament ta' x'hemm fil-kumplament tal-artiklu, fil-paragrafu in kwistjoni hemm allegazzjoni serja fil-konfront tal-attrici li hi komplici mal-Partit Nazzjonalisti sabiex fil-hrug ta' permessi ta' zvilupp mill-MEPA, isiru l-pjaciri. Hu minnu li l-attrici ma kinitx il-*focal point* tal-artiklu u ssemmiet fil-kuntest tar-riforma tal-MEPA u protezzjoni tal-ambjent. Pero' dak li gie rapportat fis-sit maltastar.com issemma bhala ezempju biex l-awtur isahhah l-argument tieghu dwar l-istat ta' affarijiet fil-MEPA. L-awtur tal-artiklu *took on board*, fatt li rrapporta haddiehor biex isahhah l-argument tieghu.

Dak li nghad fil-konfront tal-attrici mhu xejn ghajr *statement of fact* li jattakka l-integrita professjonali tal-attrici u wkoll jaghti lill-qarrej x'jifhem li qeghda konfoffa mal-Gvern biex jaghmel il-'pjaciri' fil-hrug ta' permessi ta' zvilupp. Li kieku l-awtur ma kellux l-ghan li jnaqqas ir-reputazzjoni tal-attrici ma kienx isemmiha b'isimha, meta hu evidenti li ma kellux provi li kienet *"….. qed tahdem mal-Partit Nazzjonalista biex jinghataw dawn il-pjaciri"*. F'kull kaz, fis-sentenza **Dr Sandra Caruana vs Joe Mifsud**, Qorti tal-Appell (24 ta' Settembru 2004), gie osservat:-

"*hi gurisprudenza, tista' tghid kostanti, tal-qrati taghna, li meta si tratta ta' kliem li huma fihom infushom ingurjuzi, l-animus injuriandi huwa prezunt…… Fil-fehma ta' din il-Qorti il-kliem, b'referenza ghall-kelma*

*"malafama" fl-Artikolu 28(1), "...li l-ghan taghha jkun li tellef jew tnaqqas ir-reputazzjoni ta' xi persuna..." (fit-test Ingliz "...the object of which is to take away or injure the reputation of any person...") ma jirriferux ghal xi intenzjoni specifika jew motiv ulterjuri li jrid ikollu l-awtur tal-kitba, l-editur jew il-persuna responsabbli ghall-pubblikazzjoni, izda jirreferu ghat-tendenza tal-kliem stampat jew tal-kliem imxandar li jtellef jew inaqqas ir-reputazzjoni ta'dak li jkun".*

3. Id-dritt tal-liberta tal-espressjoni m'huwiex licenzja biex thammeg ir-reputazzjoni ta' haddiehor u mbaghad tipprova tistahba wara dan id-dritt. Inoltre, ghalkemm fil-bran in kwistjoni l-awtur kien qieghed jirrepeti dak li qal li gie pubblikat fis-sit maltastar.com, l-Artikolu 24 tal-Att dwar l-Istampa jipprovdi:-

   *"24. Ebda wahda mill-persuni msemmija fl-ahhar artikolu qabel*[1] *dan ma tista' tipprova, b'difiza taghha, li l-kitba hija kopja, jew estratt, jew sommarju, jew traduzzjoni ta' kitba ohra li digà giet stampata jew pubblikata xort'ohra".*

   'Il fatt li mill-provi ma rrizultax li wara l-pubblikazzjoni ta' artiklu fis-sit maltastar.com l-attrici hadet xi passi, ma tnaqass xejn mill-malafama li saret fl-artiklu in kwistjoni. 'Il fatt li persuna, li fil-konfront taghha ssir dikjarazzjoni bhal dik, ma tikkummentax ma jfissirx li 'l fatt dikjarati huma l-verita' jew li rrinunzjat ghad-dritt li tharrek lil min fil-futur jista' jirrepeti l-istess kliem.

**Ghal dawn il-motivi:-**

1. **Tilqa' l-appell u thassar is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) tal-20 ta' Novembru 2014.**
2. **Tichad l-eccezzjonijiet tal-konvenut u tilqa' t-talba tal-attrici u tikkundanna lill-konvenut ihallas lill-attrici s-somma ta' elf ewro (€1,000).**

**Spejjez taz-zewg istanzi a karigu tal-konvenut**.

Anthony Ellul.

[1] Tinkludi editur ta' gazzetta (ara Artikolu 23).